SELECTION PROCEDURE

| *PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA* |
| --- |
| L-għażla se tiġi organizzata kif ġej:<br>1. L-AACC tistabbilixxi Kumitat tal-Għażla. L-ismijiet tal-membri jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-ERA;<br>2. Il-Kumitat tal-Għażla se jivverifika l-applikazzjonijiet sottomessi skont il-kriterji speċifiċi deskritti fit-taqsima "Kriterji ta' eliġibbiltà" fis-Sejħa għall-Applikazzjonijiet;<br>3. L-applikazzjonijiet li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet imbagħad se jiġu vvalutati u jingħataw punteġġi skont il-kriterji tal-għażla deskritti fit-taqsima "Kriterji tal-għażla" fis-Sejħa għall-Applikazzjonijiet;<br>4. Għal kull qasam, jitqiesu biss il-kandidati li jgħaddu minn minimu ta' (see **section III - Selection Criteria of the Call**) tal-punti totali mogħtija għall-kriterji tal-għażla. Minn din il-lista u għal kull qasam, il-Kumitat tal-Għażla jagħmel lista mqassra ta' kandidati bl-ogħla punteġġi li għandhom jiġu mistiedna għall-intervista u test bil-miktub;<br>5. L-intervisti kollha u t-test bil-miktub għandhom isiru bl-Ingliż. Jekk il-lingwa materna tiegħek tkun l-Ingliż, it-tieni lingwa indikata fil-formola ta' applikazzjoni għandha tiġi ttestjata;<br>6. Il-punteġġi għall-intervisti u t-test bil-miktub huma stabbiliti kif ġej:<br>**section IV – Interview and written test of the Call**<br>7. Wara r-riżultati tal-intervisti u t-test bil-miktub, għat-tliet oqsma; l-ewwel kandidati se jitpoġġew fil-lista ta' kandidati xierqa. Il-Kumitat tal-Għażla jipproponi listi ta' kandidati xierqa fl-ordni ta' prijorità lill-AACC sabiex jitqiegħdu fit-tliet listi ta' riżerva. Il-kandidati għandhom jinnotaw li l-inklużjoni f'dawn il-listi ma tiggarantixxix reklutaġġ;<br>8. It-tliet listi ta' riżerva għandhom ikunu validi sal-– **see section V – Summary of the Call**. Din tista' tiġi estiża permezz ta' deċiżjoni tal-AACC;<br>9. It-tliet listi ta' riżerva stabbiliti permezz ta' proċeduri ta' għażla esterna jistgħu jiġu kondiviżi ma' Aġenziji oħrajn tal-UE;<br>10. F'konformità mad-Deċiżjoni Nru 210, Titolu II, Artikolu 2(2) tal-Bord tat-Tmexxija (MB), l-Aġenzija tista' b'mod eċċezzjonali toffri kuntratt ta' impjieg għal kariga simili ta' Aġent Kuntrattwali (CA) lil lawrjat li jintgħażel fuq lista ta' riżerva ta' Aġent Temporanju (TA);<br>11. Il-kandidati fuq il-lista ta' riżerva jistgħu jkunu meħtieġa jgħaddu minn intervista mad-Direttur Eżekuttiv;<br>12. Qabel ma jiġu offruti kuntratt ta' impjieg, il-kandidati magħżula se jintalbu jissottomettu d-dokumenti kollha rilevanti li jagħtu prova tal-isfond edukattiv u l-esperjenza professjonali;<br>13. Qabel ma tirrekluta aġent temporanju, l-AACC teżamina jekk il-kandidat ikollux xi interess personali bħal pereżempju li jfixkel l-indipendenza tiegħu/tagħha jew kwalunkwe kunflitt ta' interess ieħor. Il-kandidat għandu jinforma lill-AACC, permezz ta' formola speċifika dwar kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali. Jekk ikun meħtieġ, l-AACC għandha tieħu kull miżura xierqa;<br>14. L-Aġenzija tapplika regoli stretti ħafna dwar il-kunflitt ta' interess. Minħabba n-natura speċjali u speċifika tax-xogħol li jsir mill-ERA, il-Bord tat-Tmexxija adotta regoli speċifiċi ta' kunflitt ta' interess applikabbli għall-membri tal-persunal. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għad-Deċiżjoni Nru 199 tal-Bord tat-Tmexxija – l-Adozzjoni tal-Qafas għal Imġiba Amministrattiva Tajba tas-6 ta' Ġunju 2019 u l-Anness tagħha. L-applikanti jridu jikkonfermaw ir-rieda tagħhom li jikkonformaw ma' dawn ir-regoli fil-formola ta' applikazzjoni tagħhom;<br>15. Il-kandidati qatt ma għandhom jidħlu f'kuntatt mal-kumitat tal-għażla fir-rigward ta' dan ir-reklutaġġ, la b'mod dirett u lanqas b'mod indirett. L-AACC tirriżerva d-dritt li tiskwalifika lil kwalunkwe kandidat li ma jagħtix kas ta' din l-istruzzjoni. |